

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2012 — Evropaiki Dynamiki vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-297/12)

(2012/C 273/27)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Evropaiki Dynamiki — Proigmenna Systimata Tilepi-koinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Ġreċċa) (rappreżentant: B. Christianos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tordna lill-Kummissjoni tħallasha s-somma ta' EUR 50 000, bħala kumpens għad-dannu lir-reputazzjoni professjonali tagħha minħabba l-ksur tas-sigriet professjonali mill-Kummissjoni, flimkien mal-interessi kumpensatorji mit-3 ta' Lulju 2007 sakemm tingħata s-sentenza f'din il-kawża sal-ħlas komplet.
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ĝeneralni tal-Unjoni Europea l-kumpens għad-dannu subit minħabba l-agħiġi illegali tal-Kummissjoni Europea (iktar 'il quddiem il-“Kummissjoni”), skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE (responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni). B'mod iktar partikolari, il-Kummissjoni kkawżat dannu lir-reputazzjoni professjonali tar-rikorrenti billi fit-3 ta' Lulju 2007 bagħtet, lil impriżi terzi, dokumenti li kienu jirrigwardaw investigazzjoni pendentii kontra r-rikorrenti.

Ir-rikorrenti ssostni li l-kundizzjonijiet, bħal dawk stabbiliti mill-ġurisprudenza, sabiex tiġi bbażata r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Kummissjoni, huma ssodisfatti sabiex hija tiġi kkompensata għad-dannu lir-reputazzjoni professionali tagħha, minħabba li fatt li l-Kummissjoni nnotifikat b'mod illegali, lil terzi, l-eżistenza u l-kontenut ta' investigazzjoni pendentii kontra r-rikorrenti, kif ukoll informazzjoni professjonali kunfidenzjali li tikkonċernaha.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Lulju 2012 — Lidl Stiftung vs UASI — A Colmeia do Minho (FAIRGLOBE)

(Kawża T-300/12)

(2012/C 273/28)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Lidl Stiftung & Co. KG (Neckarsulm, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Wolter u A. Berger, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: A. Colmeia do Minho Lda (Aldeia de Paio Pires, il-Portugall)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-2 ta' April 2012, fil-Każ R 1981/2010-2 sa fejn l-oppożizzjonii ġiet milqugħa;
- tikkundanna lill-konvenut ibati l-ispejjeż tal-proċeduri; u
- tikkundanna lill-intervenjenti tbat l-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem l-UASI.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva “FAIRGLOBE”, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 18, 20, 24, 25, 29, 30, 31, 32 u 33 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 6896261

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insosteni tal-oppożizzjoni: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark jew sinjal invokat: it-trade mark figurattiva Portugiżza “GLOBO PORTUGAL”, irregestrata bin-Nru 221497 għal prodotti fil-klassi 30; it-trade mark figurattiva Portugiżza “GLOBO PORTUGAL”, irregestrata bin-Nru 221498 għal prodotti fil-klassi 29; it-trade mark verbali Portugiżza “GLOBO”, irregestrata bin-Nru 311549 għal prodotti fil-klassi 29; it-trade mark verbali Portugiżza “GLOBO”, irregestrata bin-Nru 337398 għal prodotti fil-klassi 2, 29 u 30

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa parżjalment

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell milqugħ parżjalment u apell miċħud parżjalment